MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 234/1997/1

**Gourmet Company Limited u**
**Domenico Savio sive Savio Spiteri**

**Vs**

**Nutar Dottor Paul George Pisani;**
**Nutar Dottor John Busuttil; Dottor Alfred**
**Grech; Anthony Vella; Mariano Vella**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

Dan huwa appell intavolat mis-socjeta Gourmet Company Limited flimkien ma Domenico Savio sive Savio Spiteri wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-13 ta’ April, 1999 fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija fejn qed jintalab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti, fl-ewwel lok, thassar u tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti moghtia mill-Qorti ta’ Prim Istanza fid-9 ta’ Frar 1999, 23 ta’ Marzu 1999, 25 ta’ Marzu 1999, 7 ta’ April 1999 u tat-13 ta’ April 1999 kif ukoll tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tat-13 ta’ April 1999 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, u minflok, jew tirrinvija dawn l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni billi l-provi kollha tal-appellanti ma kienux gew ezawriti u s-sentenza tal-Prim Istanza nghatat minghajr l-appellanti nghataw l-opportunita` illi jqabbdu avukat tal-fiducja taghhom jew li l-Qorti tahtar avukat ghalihom skond il-ligi sabiex jaghmel il-kontro ezami tax-xhieda tal-konvenut, jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu u jaghmel trattazzjoni finali, jew fin-nuqqas, minflok, tilqa’ t-talbiet taghhom kif dedotti bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti.

Is-sentenza fuq imsemmija nghatat fi proceduri istitwiti mis-socjeta` Gourmet Company Limited u Domenico Savio sive Savio Spiteri b’citazzjoni intavolata fil-Qorti ta’ Magistrati (Ghawdex) Superjuri fid-19 ta’ Novembru, 1997 meta intalab fil-konfront tal-konvenuti indikati fl-att tac-citazzjoni li dik il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddecidi li l-att tal-17 ta’ Ottubru 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul George Pisani li bih l-iskrittura privata tad-19 ta’ Settembru 1992 gie tranzunt huwa null u minghajr ebda effett skond il-ligi, u
2. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli minhabba l-agir abbuziv taghhom ghad-danni kollha li gew ikkagunati lill-atturi, liema danni jigu likwidati b’gudizzju separat.

U dana wara li ppremettew:-

“illi fil-17 ta’ Ottubru 1992 in-Nutar Dr. Paul George Pisani ittranzunta fl-atti tieghu (Dok AA) skrittura privata tad-19 ta’ Settembru 1992 (Dok BB) bejn Mariano Vella, pensjonant, bin il-mejtin John u Antonia nee’ Attard, imwieled ix-Xewkija, Ghawdex u joqghod Fontana,

Ghawdex, mill-ewwel parti; Anthony Vella, haddiem, bin l-istess Mariano Vella u Maria nee' Portelli, imwieled Attard, Malta u residenti Fontana, Ghawdex mit-tieni parti; Savio Spiteri, haddiem, bin John u Josephine nee' Sultana, imwieled u joqghod Fontana, Ghawdex mit-tielet parti; u l-kumpanija "Gourmet Company Limited" mir-raba' parti;
illi n-Nutar Paul George Pisani ittranzunta l-imsemmija skrittura fuq talba tan-Nutar John Busuttil; u
peress illi d-dokumenti imsemmija gew allegatament tranzunti wara li n-Nutar Pisani u n-Nutar Busuttil gew inkarigati ghal dan l-iskop mill-Avukat Dr. Alfred Grech li allura kien jippatrocinja l-interessi tas-Socjeta` attrici u tal-attur (Dok CC); u
peress illi la s-Socjeta` attrici u l-anqas l-attur Savio Spiteri qatt inkarigaw la lill-Avukat Dr. Alfred Grech u l-anqas lill-ebda avukat iehor biex jinkariga lin-Nutar Busuttil u lin-Nutar Pisani biex jigi tranzunt l-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru 1992 (Dok DD); u
peress illi l-atturi qieghdin jikkontestaw il-validita tal-kuntratt ta' lokazzjoni li allegatament sar bl-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru 1992 permezz ta' citazzjoni numru 127/97; u
peress illi bl-agir abbuziv tal-konvenuti jew min minnhom gew ikkagunati danni lill-atturi u l-interessi taghhom setghu gew ippregudikati."

Ghal dawn il-proceduri l-konvenuti Anthony Vella u Mariano Vella, b'zewg noti separati, prezentati rispettivament fit-13 ta' Jannar u fil-15 ta' Jannar, tas-sena1998, eccepew :
1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront ta' l-esponenti stante illi l-esponenti bhala wiehed mill-partijiet komparenti fuq l-iskrittura tad-19 ta' Settembru 1992 kellu kull interess u kull dritt illi jitlob it-transunzjoni tal-istess skrittura indipendentement mill-volonta` tal-partijiet l-ohra komparenti fuq l-istess skrittura, u ghalhekk anke jekk, ghall-grazzja tal-argument jirrizulta illi l-atturi ma riedux illi ssir tali transunzjoni, l-esponent ma jista' qatt ikun passibbli ghal xi danni fil-konfront tal-istess atturi, u lanqas ma jista' jigi dikjarat illi tali transunzjoni hija nulla u minghajr ebda effett.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-transunzjoni tal-istess skrittura saret bi qbil bejn il-partijiet kollha involuti fuq suggeriment tal-Avukat Dottor Alfred Grech dak il hin stess illi kienet qeghda tigi iffirmata l-istess skrittura, liema suggeriment kien gie milqugh minn dawk kollha prezenti u ghalhekk il-premessi kollha tal-atturi jirrizultaw infondati fil-fatt.
3. Illi bhala fatt, minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux veru illi l-atturi sofrew xi pregudizzju jew danni bhala rizultat tat-transunzjoni.

Il-konvenuti Nutar Dottor Paul George Pisani u Nutar Dottor John Busuttil, b'nota pprezentata fit-12 ta' Jannar, 1996, eccepew:-
1. Illi preliminarjament hemm l-illegittimita tat-talbiet attrici minhabba ghanijiet frawdolenti li qieghedin jimmotivaw lill-atturi sabiex jagixxu b'din il-kawza u dan fid-dawl tal-principju fundamentali li *fraus omnia corrumpit.*
2. Preliminarjament ukoll in-nullita` tac-citazzjoni attrici in kwantu it-talbiet attrici ma jsegwuwx mill-premessi billi n-nullita` tal-iskrittura tad-dsatax (19) ta' Settembru 1992 ma jista' b'ebda mod jirrifletti ruhu fuq il-validita` tal-att li permezz tieghu d-dokumenti li jirraportaw dik il-kitba gie tranzuntat f'att pubbliku.
3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess hemm in-nuqqas ta' interess guridiku fl-atturi li jissokktaw b'din il-kawza in kwantu l-istess att li qieghed jigi minnhom attakkat huwa *res inter alios acta* fil-konfront taghhom li ghalhekk ma jistax ikun ta' xi pregudizzju ghalihom.
4. Illi preliminarjament ukoll hemm in-nuqqas ta' interess guridiku fl-eccipjenti Nutar Pisani li joqghod f'din il-kawza in kwantu huwa kien biss in-Nutar li ppubblika l-att li l-validita` tieghu qegheda tigi attakkata ghal liema validita` twiegeb biss il-parti li deheret fuqu.
5. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u din l-Onorabbli Qorti ghandha tillibera lill-eccipjenti mit-talbiet billi dak kollu maghmul minnhom kien fl-ambitu tal-jeddijiet u dmirijiet taghhom skond il-ligi.
6. Illi fi kwalunkwe kaz huwa wkoll michud li l-att mertu ta' din il-kawza kien kagun ta' xi danni lill-atturi.

B’nota pprezentata fl-20 ta’ Jannar 1998 il-konvenut Dr. Alfred Grech eccepixxa:-

1. Illi jonqos fl-atturi l-element essenzjali ta’ l-interess guridiku sabiex jintenta din l-azzjoni ghaliex qabel xejn iridu jippruvaw x’inhu l-pregudizzju li sofrew, jew li sejrin isofru bhala rizultat tat-transunzjoni ta’ l-iskrittura privata “de quo agitur”.
2. Illi jonqos ukoll fil-konvenut eccipjenti l-interess guridiku u l-“locus standi iudicii”, peress li:-

a) it-transunzjoni huwa att legali legittimu li huwa intiz li jissalvagwardja l-interessi (dak li ma jintilfux jew jigu sottratti dokumenti).

b) it-transunzjoni ta’ dokument f’atti notarili tista’ ssir minn kull persuna minghajr ma tkun inkarigata.

c) Fil-kaz prezenti t-transunzjoni saret mhux fuq talba tal-konvenut eccipjenti izda ta’ persuna ohra.

d) Ma tista’ tirrizulta ebda hsara meta dak li jkun jaghmel att legittimu u legali: qui suo iure utitur non videtur iniuriam faccie.

3. Huwa fil-mansjoni ta’ kull avukat li jaghmel dak li professjonalment huwa jidhirlu fl-interess tal-klienti tieghu bhalma hi t-transunzjoni ta’ dokument biex dan ma jintilifx jew jigi sottratt. “Per convers” wiehed jasal ghall-assurdita` li l-attur ried jassikura f’xi zmien li dak id-dokument jisparixxi, haga li hija frawdolenti u li l-ebda Qorti ma tista’ tittutela.
4. Il-fatt tat-transunzjoni ta’ l-originali ta’ l-iskrittura ma jaghmel ebda differenza ghall-atturi li jikkontestaw il-validita` tal-iskrittura, ammenoche jekk f’kontestazzjoni huma m’humiex qeghedin jifhmu wkoll id-distruzzjoni materjali ta’ l-istess skrittura.
5. Illi fi kwalunkwe kaz u “ictu oculi” l-allegazzjoni tad-danni bhala rizultat ta’ konservazzjoni ta’ dokument fl-atti notarili barra li ma taghmel ebda sens ghandha minn tar-ridikolu.
6. Illi fi kwalunkwe kaz l-attur kien konxju tal-fatt li kellha ssir it-transunzjoni tad-dokumenti u kien konsentjenti li dan isir. Kien sussewgentement li l-affarijiet inbidlu matul enti proceduri pendenti u kien ikun aktar komdu ghall-attur li dak id-dokument ma jkunx konservat.

7. Illi fi kwalunkwe kaz ma tirrizulta ebda azzjoni tat-tip intentata mill-attur.
8. Illi fi kwalunkwe kaz ma jirrizulta ebda dannu fl-attur minhabba l-fatti allegati.

**Ikkunsidrat:**

Tajjeb illi qabel xejn, senjatament minhabba li fir-rikors ta' l-appell hemm diversi talbiet ghar-revoka ta' digrieti moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel istanza, li tinghata rassenja ta' dak li gara f'dawn il-proceduri.

a) Fl-ewwel udjenza u cioe` dik tat-22 ta' April, 1998, wara li l-Qorti, ghar-ragunijiet hemm moghtija, irrevokat, *contrario imperio*, id-digriet taghha tas-27 ta' Novembru, 1997 dwar hatra ta' l-Avukat Dottor Mario Scerri bhala imhallef supplenti biex jiehu x-xhieda tan-Nutar Dottor J. Busuttil, iddiferiet il-kawza ghas-seduta tat-3 ta' Gunju, 1998 biex issir it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni preliminari tal-karenza tal-interess guridiku, sollevata minn diversi konvenuti.
b) B'rikors ipprezentat fit-28 ta' Mejju, 1998 l-atturi talbu differiment billi kemm huma, kemm l-avukat taghhom, kien ser ikunu impenjati f'kawza ohra ta' natura kostituzzjonali. Din it-talba giet milqugha bla ebda rizervi u l-kawza giet differita ghall-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 1998.
c) Dakinhar xhed l-attur Savio Spiteri li, llimita ruhu ghas-semplici konferma d-dikjarazzjoni annessa ma' l-atti tac-citazzjoni. Mentri meta gie mistoqsi mill-Qorti x'danni kien sofra bit-transunt kontestat, huwa qal li ma kienx f'posizzjoni jirrispondi. Dakinhar xhed ukoll fit-tul il-konvenut Nutar Dottor Paul George Pisani u l-kawza thalliet ghas-seduta tal-21 ta' Jannar 1999 <u>ghall-provi kollha li fadal tal-attur.</u>
d) Gurnata qabel l-appuntament u cioe` fl-20 ta' Jannar, 1999 l-atturi intavolaw rikors fejn irrilevaw l-ezistenza ta' proceduri mressqa quddiem il-Kummissjoni ta' l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja in konnessjoni ma' dik il-Qorti kif preseduta u talbu li, fic-cirkostanzi, il-Magistrat sedenti jirrekuza ruhu a tenur ta' l-Artikolu 734(1)(g) tal-Kap 12. Wara li xhed l-attur Savio Spiteri in konnessjoni

ma dan l-incident u saru s-sottomissjonijiet mid-difensuri tal-kontendenti kif verbalizzat fis-seduta tad-9 ta’ Frar, 1999 it-talba maghmula mill-atturi giet michuda b’digriet moghti fl-istess udjenza billi ma irrizultax lill-Qorti raguni legali in sostenn tat-talba. Il-kawza ghalhekk thalliet ghall-25 ta’ Marzu, 1999 ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-atturi u fin-nuqqas il-qorti awtorizzat lill-konvenuti jressqu l-provi taghhom b’dana li wara (dik l-udjenza) il-kawza tithalla ghas-sentenza.

e) Fil-11 ta’ Marzu, 1999 l-atturi regaw intavolaw rikors iehor u din id-darba huma talbu li s-smiegh tal-kawza jitkompla quddiem l-istess Qorti b’dana li dik il-Qorti tkun diversament preseduta billi, kif gie allegat fl-istess rikors, “*in segwitu ghal proceduri li nbdew mill-esponenti* (atturi) *quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja fil-mori tal-kawza jidher bir-rispett kollu illi l-Magistrat sedenti tilef dik it-trankwillita` u s-serenita` sabiex jinghata smiegh xieraq*” u dana kontra dak li tipprovdi l-Konvenzjoni Ewropeja . Din it-talba giet michuda b’digriet kamerali moghti fit-23 ta’ Marzu, 1999. Ma dan id-digriet giet annessa kopja tar-rapport li Savio Spiteri kien ghamel lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja fil-15 ta’ Dicembru, 1998, kif ukoll kopja tad-decizjoni mehuda mill-istess Kummissjoni u notifikata lill-istess Domenico Savio Spiteri b’ittra tat-28 ta’ Jannar 1999 meta gie infurmat li “*Il-Kummissjoni ikkonkludiet li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex tintervjeni f’din il-materja,* ….”

f) Fl-udjenza tal-25 ta’ Marzu, 1999 id-difensur ta’ l-atturi rrileva li kienu gew istitwiti proceduri kostituzzjonali dwar allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq a tenur tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement l-atturi talbu s-soprassessjoni ta’ dawn il-proceduri. Din it-talba giet michuda b’digriet moghti fl-istess udjenza billi l-Qorti rriteniet li tali proceduri kostituzzjonali “*ma jistultifikawx l-andament ta’ din il-kawza*” u konsegwentement ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Fic-cirkostanzi d-difensur ta’ l-atturi rrinunzja ghall-patrocinju taghhom, mentri d-difensuri tal-konvenuti talbu li l-kawza tmur ghas-sentenza - talba li giet milqugha - w l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tat-13 ta’ April 1999.

g) Fis-7 ta’ April, 1999 l-atturi, issa patrocinati minn Dr Tonio Azzopardi, intavolaw rikors fejn talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza “*sabiex id-drittijiet taghhom fundamentali ma jkomplux jigu pregudikati*” u dana wara li ppremettew li fl-ahhar udjenza l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza “*minghajr ma l-esponenti kellhom l-opportunita` ikomplu jressqu l-provi taghhom, jaghmlu l-kontro-ezami tax-xhieda u jressqu s-sottomissjonijiet kollha taghhom*.” Din it-talba giet michuda b’digriet tat-13 ta’ April, 1999 u l-Qorti ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza dakinhar stess.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fit-13 ta’ April, 1999 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghhom u dana wara li qalet hekk:-
“Illi b’din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu illi l-att tas-sbatax (17) t’Ottubru tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) in atti Nutar Dottor Paul George Pisani li bih skrittura tad-dsatax (19) ta’ Settembru tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) gie transunt huwa null u minghajr effett, u talbu wkoll li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu danni ghal dan l-agir abuziv taghhom.

“Minkejja l-incident li qamu f’din il-kawza dwar ir-rekuza o meno tal-magistrat sedenti li jqajjmu kwistjonijiet serji ta’ etika professjonali li forsi jkun ahjar li din il-Qorti thalli impregudikati, il-Qorti wara li ezaminat l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti jidher illi t-tema principali li hemm fost dawn l-eccezzjonijiet hija l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' interess da parti tal-konvenuti (recte: ‘atturi’) li jippromwovu din l-azzjoni. Dan in-nuqqas ta’ interess huwa bbazata principalment fuq il-fatt illi l-konvenuti (recte: ‘atturi’) ma kellhom l-ebda drittijiet minaccjati billi l-iskrittura giet transunta f’att ta’ nutar pubbliku.

“Il-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija mill-attur f’din il-kawza li hija qasira u pjuttost neboluza. Fil-fatt il-Qorti stess staqsietu a fol-41 x-inhuma d-danni li l-attur sofra bil-fatt li din l-iskrittura giet transunta in atti ta’ Nutar. L-

attur Silvio Spiteri qal testwalment li hu mhuwiex f'posizzjoni li jirrispondi.

"Fuq risposta bhal din necessarjament isegwi l-argument illi la l-attur stess mhuwiex f'posizzjoni jirrispondi, mela min jista' jaghti risposta ghal din id-domanda! Il-kawza ghamilha l-attur u jinkombi fuqu li jipprova l-allegazzjonijiet li huwa gab. Jekk ma jgibx dawn il-provi, allura l-istanza tieghu ma jistax jkollha success u l-kawza tista' tieqaf hawn, zgur almenu dak li jirrigwarda t-tieni talba ta' l-attur.

"Rigward l-ewwel talba peress li din hija dikjaratorja jista' jkun illi l-attur ghandu interess illi huwa jottjeni dikjarazzjoni minghand Qorti. Hekk insibu per ezempju illi fil-kawza "Pisani versus Borg Olivier nomine" (Vol. XXXVI parte I, pagina 127) gie deciz illi: "Ma humiex vjetati domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tkun preordinata ghal domanda ohra definittiva u finali ghalkemm din tkun ghadha ma gietx dedotta f'gudizzju."

"Dan it-taghlim pero` hu kondizzjonat mal-fatt li almenu l-attur irid ikollu xi dritt li jressaq quddiem il-Qorti jew almenu rizultat utili. Fl-esteru per ezempju insibu kaz interessanti ripurtat fil-"Repertorio del Foro Italiano" 1972, li jikkummenta dwar l-interess fil-kawza civili skond l-artikolu 100 tal-ligi procedurali Taljana. Fil-kawza "Societa` Spema versus Societa` Aegeria" (No. 112 cassazzione 6 t'Ottubru 1972, numru 2884) il-Qorti qalet:
"L-interesse ad agire richiesto dal'articolo 100 CPC consiste nel esigenza di ottenere un rizultato utile guridicamente apprezabile e non conseguibile senza l-intervento del giudice ….."

"L-istess fil-kawza "Law. Castro vs Min. Finanzi" (No. 119, 19 ta' Gunju 1972, numru 1934):
"Nel vigente ordinamento giuridico procesuale e' incontestabile l-ammissibilita` del azzione di mero accertamento in relazione alla quale l'interesse ad agire puo essere anche quello diretto al ragunamento di una certezza giuridica ossia all'accertamento di un diritto proprio o del'inesistenza di un diritto da altri vantato."

"Il-gurisprudenza lokali segwiet dan it-taghlim u dejjem kellna decizjonijiet fejn qalu li l-interess ta' min jagixxi jrid jikkorrispondi ghal-lezjoni ta' dritt.

"F'"Axiak versus Mizzi" (Vol. XXXVI, parte II, pagna 532):

"L-interess f'min jaghmel kawza ma hemmx bzonn li jkun patrimonjali imma jista' jkun anke morali u astratt purche jkun ta' natura guridika jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal-lezjoni ta' dritt…."

"Evidentement l-attur ma fehemx sew xi tfisser illi att ikun transunt u forsi immagina konsegwenzi li fil-fatt ma kinux jezistu. F'dan il-kaz kullma gara kienet illi giet redatta skrittura privata bejn l-atturi u Mariano Vella u Anthony Vella fid-dstatax (19) ta' Settembru tal-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) u biex dik l-iskrittura tigi konservata l-avukati tal-partijiet iddecidew illi jigi transunt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani. Verament ma kienx hemm ghalfejn li jkun hemm il-konkorrenza tal-legali tal-partijiet biex dan l-att jigi transunt. Anki decizjoni unilaterali ta' parti wahda kienet tkun bizzejjed biex dan l-att jigi hekk konservat u billi jkun hemm din il-konservazzjoni ma jfissirx illi se jkun hemm xi pregudizzju lill-parti jew lill-ohra; tfisser biss illi dak l-att ikun konservat fl-atti ta' nutar biex b'hekk hadd ma jkun jista' jghid illi dan gie mitluf jew inkella xi hadd mess xi kliem jew dokumenti biex b'hekk jigu pregudikati d-drittijiet ta' parti jew ohra. Proprju ghalhekk jigi transunt att biex wara li l-partijiet ikunu ftehmu dak li jkun hemm miktub ma jkun jista' jbiddlu hadd minghajr il-kunsens taz-zewg partijiet u hadd ma jsofri pregudizzju. Veru li skrittura privata tibqa' valida u torbot lill-partijiet anke jekk dan ma jkunx transunt pero` b'daqshekk billi jkun transunt ma jfissirx illi xi parti jew ohra se ssofri pregudizzju jew inkella parti se tivvanta xi drittijiet aktar b'dan l-att ta' konservazzjoni. Fil-fatt hadd mill-partijiet involuti f'dan il-ftehim tad-dsatax (19) ta' Settembru tal-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) ma vvanta xi drittijiet talli l-att gie transunt ghand nutar pubbliku.

“Din il-Qorti kif preseduta kellha okkazzjoni li tippronuncja ruhha fuq dan il-punt u f’kawza deciza fis-sitta (6) ta’ Gunju elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) fl-ismijiet “Paul Debono versus Paul Camilleri” il-Qorti qalet:
“Ghalkemm l-attur jista’ jkollu interess materjali fl-ezitu tal-kawza minnu intentata fis-sens illi jekk l-istanza tieghu tigi akkolta, hu jista’ jkollu rizultat utili ghalih … u avolja dak l-interess jista’ ikun attwali u talvolta anke dirett, l-istess interess zgur mhux legittimu ghax mhux konformi ma xi dritt.”

“Ikun utili pero` illi l-ahhar kelma tinghata f’sentenza deciza pjuttost ricentement fis-sebgha ghoxrin (27) ta’ Mejju tal-elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) fl-ismijiet “Michelangelo Bond versus Carmelo Mangion et” (Vol. LXXV parte II, pagna 386) fejn jinghad illi:
“Fost ir-rekwiziti ta’ l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali cioe` dak li Mortara jiddefinixxi bhala ‘la utilita` finale della domanda giudiziale sul tema del'asserita esistenza e violazione di un diritto.’ Jekk l-azzjoni tkun kapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat jew is-sentenza ma jista’ jigi uzufruwit dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta.”

“Fl-isfond ta’ dan it-taghlim u rizultanzi processwali l-Qorti ma tarax kif l-azzjoni attrici hi kapaci li tipproduci xi rizultat vantaggjuz jew utili ghall-istess atturi. Dana apparti l-fatt illi ma tara l-ebda drittijiet illi jistghu jkunu gew vjolati semplicement b’konservazzjoni ta’ att.

“Anke jekk kif jirrizulta mill-istess premessi tac-citazzjoni illi l-atturi qeghdin jikkontestaw il-validita` ta’ l-iskrittura privata tad-dsatax (19) ta’ Settembru tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) permezz ta’ azzjoni separata tali konservazzjoni ma taghmel l-ebda differenza ghall-mertu ta’ dik il-kawza peress illi jekk l-atturi jkollhom success u jirnexxielhom jippruvaw illi dan il-kuntratt tad-dsatax (19) ta’ Settembru tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) mhuwiex validu allura hija tali dikarazzjoni li hi vinkolanti bejn il-partijiet u mhux il-konservazzjoni ta’ l-istess skrittura privata.”

**Ikkunsidrat:**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u b'rikors pprezentat fit-3 ta' Mejju, 1999 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka mhux biss is-sentenza appellata izda li jigu revokati d-digriet fuq imsemmija.

Qabel xejn ghandu jnghad li ghalkemm fir-rikors ta' l-appell jissemmew hames digrieti li taghhom qed tintalab ir-revoka, u cioe` dawk tad-9 ta' Frar, tat-23 ta' Marzu, tal-25 ta' Marzu, tas-7 ta' April u tat-13 ta' April, kollha tas-sena 1999, in realta` kien hemm erba' digrieti billi ma jirrizultax li nghata digriet fis-7 ta' April, 1999. Din effettivament kienet id-data tal-prezentata tal-penultimu rikors tal-atturi. Ghalhekk, minn issa stess, il-Qorti qedha tichad it-talba fir-rigward tad-digriet tas-7 ta' April, 1999.

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li ghalkemm l-appellanti qeghdin jitolbu r-revoka tad-digrieti fuq imsemmija, ma tressaq ebda aggravju specifiku fir-rigward ta' dawn il-provvedimenti hlief forsi dak li jinstab fil-parti introduttiva fejn jinghad li "*l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx piz bizzejjed lill-provi mressqa mill-atturi kif ukoll is-sottomissjonijiet taghhom u lanqas ma hadet in konsiderazzjoni il-Gurisprudenza nostrana in materja*".

Issa jirrizulta li d-digrieti lamentati huma kollha, b'xi mod jew iehor, marbutin mat-talba originali ta' rekuza tal-Magistrat li kien qed jippresedi l-qorti li kienet ghadita bil-kawza. Minn qari tad-diversi verbali, rikorsi, sottomissjonijiet u digrieti din il-Qorti hija tal-fehma li l-agir tal-atturi waqt il-kawza ma kien xejn hlief wiehed vessatorju fir-rigward tal-Magistrat sedenti billi mhux talli ma tirrizulta ebda raguni valida ghar-rekuza bazata fuq l-Artkolu 734(1)(g) tal-Kap 12, kif del resto jidher mill-konkluzzjonijiet tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, (hawn fuq riprodotta) talli bl-ebda mod ma jidher li l-Magistrat sedenti "*tilef dik it-trankwillita` u s-serenita` sabiex jinghata smiegh xieraq*" billi d-decizzjonijiet tieghu fir-rigward kienu kollha ragunati u bazati fuq massimi legali accettati.

Inoltre jigi rilevat li l-ewwel Qorti kienet perfettament korretta meta cahdet it-talba ghas-soprasessjoni minhabba l-**allegati** proceduri kostituzzjonali billi hija gurisprudenza kostanti u accettata li biss f'dawk il-kazi meta ssir referenza mill-Qorti li tkun qed tisma' l-kaz li dik il-Qorti tissoprassjedi pendenti l-ezitu tal-proceduri istigati minnha stess. Fl-ahharnett din il-Qorti tosserva li l-attur ipprentenda li l-Magistrat sedenti jirrekuza ruhu fuq is-semplici fatt li kien sar rapport fil-konfront tieghu minghajr ma jressaq provi ta' dak li jinghad bhala raguni ta' rekuza fl-artikolu fuq citat. Mhux talli hekk, talli anke wara li l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja kkonkludiet l-investigazzjoni taghha u ma sabet xejn x'jiggustifika l-istess rapport, l-attur Spiteri baqa' jippersisti fl-istess atteggjament. Dwar l-allegazzjoni li wara li astjena d-difensur taghhom l-atturi ma nghatawx opportunita` jressqu l-provi bi ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom din il-Qorti tosserva li l-atturi kellhom kull opporunita` li jaghmlu dan, biss huma ghazlu, kif sewwa gie rilevat fid-digriet tat-13 ta' April 1999 "*li l-atturi rrifjutaw li jkomplu jressqu l-provi taghhom*"  Mil-kompless tal-provi rizultanti mill-atti processwali dwar dawn l-incidenti din il-Qorti hija tal-fehma li l- atteggjament tal-atturi kien biss wiehed vessatorju u qed jigi  kkunsidrat bhala abbuz serju tal-process gudizzjarju.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija ma jirrizultax li l-appell fir-rigward tad-digrieti fuq imsemmija huwa gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-appell mis-sentenza tat-13 ta' April, 1999 qed jinghad fir-rikors promotur li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din ghandha tigi revokata u t-talbiet attrici milqugha. Qabel xejn din il-Qorti tosserva li hija tikkondividi pienament il-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni talba attrici fis-sens li din qatt ma tista' tintlaqgha billi ma jirrizultax in atti li, bit-tranzunt tal-iskrittura tad-19 ta' Settembru 1992, l-atturi sofrew xi danni. Infatti l-ewwel qorti fil-kuntest ta' din it-talba qalet hekk:

““Il-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija mill-attur f’din il-kawza li hija qasira u pjuttost neboluza. Fil-fatt il-Qorti stess staqsietu a fol-41 x-inhuma d-danni li l-attur sofra bil-fatt li din l-iskrittura giet transunta in atti ta’ Nutar. L-attur Silvio Spiteri qal testwalment li hu mhuwiex f’posizzjoni li jirrispondi.

“Fuq risposta bhal din necessarjament isegwi l-argument illi la l-attur stess mhuwiex f’posizzjoni jirrispondi, mela min jista’ jaghti risposta ghal din id-domanda! Il-kawza ghamilha l-attur u jinkombi fuqu li jipprova l-allegazzjonijiet li huwa gab. Jekk ma jgibx dawn il-provi, allura l-istanza tieghu ma jistax jkollha success u l-kawza tista’ tieqaf hawn, zgur almenu dak li jirrigwarda t-tieni talba ta’ l-attur.”

Jigi rilevat ukoll li, minkejja dan il-pronunzjament ta’ l-Ewwel Qorti, ma jirrizultax li, fir-rikors ta’ l-appell, tressaq xi argument in sostenn tal-akkoljiment ta’ din it-talba u lanqas, ghandu jinghad, ma gew prodotti jew ntalab li fl-istadju ta’ l-appell jitressqu xi provi fir-rigward ta’ danni li allegatament l-atturi baghtew jew jistghu jbatu minhabba l-agir allegatament abuziv tal-konvenuti. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni lghala ghandha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Ewwel Istanza fir-rigward tat-tieni talba attrici jew li, alternattivament, takkolji l-istess talba.

Jibqa’ ghalhekk x’jigi kunsidrat l-aspett tal-interess guridiku tal-atturi li jipproponu dawn il-proceduri. Minn qari tar-rikors ta’ l-appell jidher li l-aggravju mressqa mill-appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed lill-provi mressqa mill-atturi kif ukoll is-sottomissjonijiet taghhom u lanqas ma hadet in konsiderazzjoni l-gurisprudenza nostrana in materja. In sostenn ta’ dan l-aggravju l-appellanti jergaw jippuntwalizzaw dak li inghad fic-citazzjoni promotorja u xejn aktar minghajr argumenti validi in sostenn. Infatti qed jinghad li:
a) it-transunt sar minghajr il-kunsens jew awtorizzazzjoni ta’ l-atturi.
b) li l-hsieb tal-partijiet kien li ssir skrittura privata u mhux att pubbliku.

c) li ma kien hemm ebda htiega li jsir tranzunt.
d) li t-transunt sar bi pregudizzju ta' l-atturi li qed jikkontestaw l-validita` tal-istess skrittura.
e) li t-transunt giab a konoxxenza tal-pubbliku dak li kien sar privatament u li b'dan il-mod gew ippuntwalizzati l-obbligi ta' kera aktar oneruzi.

Minn qari tas-sentenza jidher li altru li l-ewwel qorti tat konsiderazzjoni lill-provi prodotti mill-atturi kif ukoll is-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward ta' l-eccezzjoni ta' karenza ta' interess guridiku. Jidher infatti li dik l-istess qorti ghamlet studju dettaljat u akkurat tal-kwistjoni li kienet tinsab quddiemha u waslet ghall-konkluzzjoni mahsuba u ragunata li (mir-) "*rizultanzi processwali l-Qorti ma tarax kif l-azzjoni attrici hi kapaci li tipproduci xi rizultat vantaggjuz jew utili ghall-istess atturi.*" Konkluzzjoni din li din il-Qorti tabbraccja fl-interita` taghha u konsegwentement ma tara ebda utilita` li tezamina l-kwistjoni f'aktar dettal.

Illi ghal kompletezza ghandu jinghad li tranzunt ta' skrittura privata in atti notarili ma jehtieg il-kunsens tal-kompartecipi kollha fuq l-iskrittura privata. Tranzunt ma jbiddel xejn mill-obbligi naxxenti mill-iskrittura privata, ghal kuntrarju tali tranzun ghandu biss l-ghan li jikkonserva b'mod adegwat dawk l-istess obbligi naxxenti minn dik l-iskrittura billi jwarrab il-possibilita` li l-istess skrittura tintilef, tigi modifikata jew b'xi mod iehor alterata. Jsegwi li l-intenzjoni tal-partijiet li jaghmlu semplicement skrittura privata ma huwa bl-ebda mod imtiefes b'tali tranzunt u ma jista' jirrizulta ebda pregudizzju lill-atturi bid-decizjoni tal-konvenuti li jitolbu l-intervent ta' Nutar Pubbliku. Finalment jinghad li l-validita` o meno tal-iskrittura tad-19 ta' Settembru, 1992 u sahansitra r-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet fir-rigward tal-lokazzjoni tal-fond imsemmi fl-iskrittura, mhux meritu ta' din il-kawza u ghalhekk l-aggravji mressqa fil-paragrafi (IV) u (V) tar-rikors ta' l-appell ma ghandhom ebda rilevanza ghal kaz sottoezami.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-atturi qed jigi michud bl-ispejjes kontra l-istess atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------